MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2014

Numru. 894/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Ahmad Abbouch Awak**

**Kumpilazzjoni Numru: 894/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ahmad Abbouch Awak, ta' nazzjonalita Sirjana, imwieled f'Deirazor is-Sirja, fid-29 ta' Mejju, 1966, iben Merai u Makbola, numru moghti mill-Pulizija 14E-148 u detentur tal-passaport Sirjan bin-numru 003371809.

Akkuzat talli fl-20 ta' Settembru, 2014 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'permess ta' residenza jew uza jew kellu fil-pussess tieghu Permess ghar-Residenza li hu kien jaf li giet iffalsifikata, imbdiddla jew sar xi tibdil fiha f'isem Elinnk Felges bin-numru 238055AB (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokument fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u 32(1)(d) tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u 32(1)(d) tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah serbgha (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------